MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Numru 242/2002

**Il- Pulzija**
**(Spettur Jesmond Joseph Borg)**

**-vs-**

**Felix Delia**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Felix Delia ta' 49 sena bin Emmanuel u Rita xebba Bugelli imwieled Haz- Zabbar fil- 21 ta' Gunju 1965 u residenti 25, Triq l- Inkurunazzjoni, Haz Zabbar. Detentur tal- Karta tal- Identita' 307765M

Talli fl- 10 ta' Settembru 2001 ghal- habta tal- 4.30pm gewwa Triq l- Imdina, Haz Zebbug, bil- hsieb li jaghmel delitt u cioe' ferita gravi fua il- persuna ta' Adrian McKay Warden Number 211, persuna li hu inkarigat skond il- ligi mis- servizz pubbliku, waqt li kien jew minhabba li ghamel

dan is- servizz, bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- ligi b' esekuzzjoni tad- delitt billi saq il- vettura tal- ghamla Yugo bin- numru tar- registrazzjoni JAT – 562 bi speed eccessiv u manjiera perikoluza u dan fid- direzzjoni tal- persuna ta' l- istess Adrian McKay liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill- volonta' tieghu.

Talli fl- 10 ta' Settembru 2001 ghal- habta tal- 4.30pm gewwa Triq l- Imdina, Haz Zebbug, ma obdiex l- ordnijiet legittimi ta' l- awtorita' jew ta' persuni li jkunu inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallijhomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jghamlu d- dmirijiet taghhom, jew b' xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmirijiet taghhom, billi ma halliex lill min hu inkarigat jaghmlu dak li bil- ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu jew billi gab fix- xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il- ligi.

U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil- pubbliku kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b' xi mod iehor offendejt l- morali, l- imgieba xierqa jew id- dicenza pubblika.

U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni u l- paci pubblika b' ghajjat u glied.

Rat in- nota ta' l- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Rat li fis- seduta ta' llum l- akkuzat ammetta l- akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati.

Semghet it- trattazzjoni tad- difiza u tal- prosekuzzjoni dwar il- piena.

Rat l- art. 95, r- Regolamenti Dwar is- Sewqan ta' Vetturi. It- tieni akkuza hi assorbita, ir- raba ukoll.

Issibu hati tar- reati taht l- artikoli msemmija u mhux tat- tieni akkuza.

Rat ukoll l- art 22 tal- Kap. 446 tal- Ligijiet ta' Malta. Ser tapplika dan l- artiklu bit- tama li l- akkuzat jirranga hajtu u dan il- Qorti qed taghmlu ghall- ahhar darba.

Ghalhekk fil- waqt li ssibu hati kif fuq inghad tilliberah taht il- provedimenti ta' l- art 22 tal- Kap 446 tal- Ligijeit ta' Malta b' dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin m' illum u b' dan il- Qorti jidrilha li qed tipprovdi ghas- sigurta ta' Adrian McKay. Tiskwalifka lil akkuzat ghal- xahar milli jkollu jew igib licenzja tas- sewqan. Il- Qorti qed tfisser bi kliem car l- import ta' din is- sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------